TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 45/17-F

**Paul u Jacqliene Theuma**

**vs**

**Power Plus Ltd.**

Illum 29 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tlett elef, u ħmistax-il ewro (€3,015), rappreżentanti nuqqas ta' units fuq average ta' sena minkejja li kien imwiegħed li kellu jtella' ammont ta' units, is-sistema ma tagħtux il-units.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw pannelli mingħand id-ditta ntimata fejn kienu mwiegħda li dawn il-pannelli jagħmlu bejn 7 u 8 units kuljum. Illi minkejja li ġew installati u bdew jaħdmu, l-units li ġew imwiegħda ma bdewx jitilgħu kollha.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettew illi kellhom jirranġaw is-sistema, u fil-fatt issettjaw l-invertor u minkejja dawn xorta baqgħu bil-problemi, u li ma kinux qegħdin ilaħqu mal-units ma' dak imwiegħed. L-intimat ukoll issottometta li l-post fejn qegħdin m'huwiex south facing u li allura ma taħtx ikunu fix-xemx. .

Ir-rikorrenti ġab diversi readings biex juri li s-sistema tal-installazzjoni ma kinitx qed tagħtihom daqshekk units.

It-Tribunal, jinnota wkoll li l-intimat ma kienx attenda għall-aħħar seduti. Kif ukoll it-Tribunal, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija dik li hi, jiġifieri li mhux qiegħed itella' biżżejjed units minn dak li kien imwiegħed.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**